MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 81/2023 LM

**Stefan Bartolo (K.I. nru. 208176M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Air Malta p.l.c. (C 2685)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Air Malta p.l.c. (C2685)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-10 ta' Lulju, 2023, fejn it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent **Stefan Bartolo (K.I. nru. 208176M)** [hawnhekk 'l-appellat'] ma kinitx waħda ġusta, u għalhekk

ordna lis-soċjetà intimata tħallsu kumpens fl-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000).

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors li ippreżenta quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat bħala *marketing manager* fuq bażi *full-time* mas-soċjetà intimata b'effett mill-1 ta' April, 2012, u kien ilu fl-impjieg tas-soċjetà intimata mis-sena 1994. Qal li l-impjieg tiegħu ġie tterminat fit-22 ta' April, 2015, wara li ġie infurmat li l-kariga tiegħu kienet qiegħda tiġi abolita, u għalhekk kien temm tal-impjieg abbażi ta' *redundancy.* Ir-rikorrent qal li huwa pprotesta dwar din it-terminazzjoni permezz ta' ittra tad-29 ta' April, 2015, fejn qal li r-raġuni mogħtija lilu mhijiex waħda veritiera u valida fil-liġi, u għalhekk interpella lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu. Qal li s-soċjetà intimata naqset milli tagħmel dan. Ir-rikorrent qal li dan ma kienx każ ta' sensja, u għalhekk is-soċjetà intimata kienet skorretta meta tterminatlu l-impjieg.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li l-impjieg tar-rikorrent bħala *marketing manager* ġie fi tmiemu fit-22 ta' April, 2015, għal raġunijiet tajba u suffiċjenti fil-liġi, għaliex il-kariga ġiet abolita wara eżerċizzju akkurat ta' ristrutturar, fosthom fid-Dipartiment tal-Marketing fejn kien jaħdem ir-rikorrent. Qalet li hija kienet kostretta tagħmel dan minħabba fil-qagħda finanzjarja li kienet fiha, u b'konformità mal-pjan maqbul mal-Kummissjoni Ewropea sabiex setgħet tibqa' kompetittiva. Qalet li hija kellha tadatta u tibdel l-istrateġija kummerċjali tagħha anki bil-mod kif tikkomunika mal-klijenti tagħha, u r-reklamar

tradizzjonali ma baqax meqjus bħala mod effettiv għall-ħtiġijiet tal-linja tal-ajru, fejn il-mezzi elettroniċi saru l-aktar għodda importanti fid-dinja tallum. Qalet li fil-fatt ir-reklamar tradizzjonali naqas drastikament. Is-soċjetà intimata kompliet tgħid li minħabba l-qagħda finanzjarja prekarja li kienet fiha, hija bdiet tuża l-mezzi elettroniċi tagħha stess sabiex tikkomunika l-offerti li toħroġ għall-pubbliku minn żmien għal żmien. Qalet ukoll li fid-Dipartiment tal-Marketing li kien jifforma parti minnu r-rikorrent, kien hemm sitt impjegati, li erbgħa minnhom irtiraw mix-xogħol għal raġunijiet varji, u ma nħassitx il-ħtieġa li dawn jiġu rimpjazzati. Qalet ukoll li r-responsabbiltajiet residwali li kienu marbuta mal-kariga tar-rikorrent ġew assorbiti miċ-*Chief Commercial Officer,* mid-deputat tiegħu, u minn żewġ impjegati oħra, sabiex b'hekk is-soċjetà intimata għandha struttura aktar effiċjenti u lineari, u għandha strateġija kummerċjali fil-qasam tal-*marketing* li tilqa' aħjar għall-ħtiġijiet moderni tas-suq u tal-klijenti tagħha. Qalet li għalhekk l-abolizzjoni tal-kariga tar-rikorrent saret b'mod ġenwin u validu skont il-liġi, u mhux minnu li r-rikorrent tkeċċa mill-impjieg għal raġunijiet ulterjuri.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Lulju, 2023, it-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg ma kinitx waħda ġusta, u għalhekk illikwida d-danni fl-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000), wara li t-Tribunal ikkunsidra li r-rikorrent seta' jkompli jagħmel ix-xogħol ta' *marketing manager.* It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet, li l-Qorti qiegħda tirriproduċi għall-finijiet ta' kompletezza, minkejja li huwa evidenti li qabel ta d-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal m'għamel l-

ebda eżerċizzju ta' *proof-reading,* u fid-deċiżjoni hemm bosta żbalji tal-ortografija, fl-ismijiet tax-xhieda, u nuqqas ta' punteġġjatura li jirrendu d-deċiżjoni mogħtija inkoerenti f'xi partijiet minnha:

> *"Illi r-rikorrenti spjega li kien impjegat bħala* Marketing Manager *u l-impjieg tiegħu ġie terminat fit-22 ta' April, 2015 permezz ta' ittra.*
>
> *L-Air Malta qalet li ġie tterminat wara eżerċizzju ta' ristrutturar u għalhekk l-impjieg tiegħu kellu jintemm.*
>
> *Xhieda*
>
> *Xehed Alberto* [recte: Roberto] *Cristiano li huwa ċ-*Chief Officer Human Resources *fejn qal bil-ġurament li r-rikorrent għamel ħafna żmien fuq* marketing *u spiċċa minn* Marketing Manager. *Kien jagħmel* marketing *tradizzjonali jiġifieri fuq il-gazzetti eċċ. Ir-reklamar ġie mibdul u ma baqax dak tradizzjonali. L-istrateġija kienet differenti u għalhekk kien hemm bżonn li jkun hemm* full-time advertising agency*. Anki barra minn Malta kienu jużaw aġenzija.*
>
> *Sar ukoll eżerċizzju ta' ristrutturar u għalhekk ma kienx hemm bżonn din il-kariga.*
>
> *Xehed Joseph Galdes li kien* Deputy Chief Commercial *Officer mal-Air Malta kien inbidel il-kunċett tal-*marketing *u minflok* marketing *tradizzjonali sar aktar* push marketing *mill-funzjonijiet li kien jagħmel ir-rikorrenti li kien xejn hekk* [sic!].
>
> *Reġa' xehed ix-xhud fejn qal li r-rikorrenti ma ġiex* retrained *u x-xogħol tiegħu kien naqas.*
>
> *Xehed Stefan Bartolo r-rikorrenti fejn qal bil-ġurament li hu kien ilu impjegat mill-1994 xogħlu kien ta'* Marketing Manager *li kien ħadem tajjeb f'dak iż-żmien. Qal li ċ-*Chief Officer *kien warrbu. Spjega li ma jagħmilx sens li tneħħi l-*marketing manager *għax il-*marketing *xorta jsir, pereżempju kienu baqgħu jagħmlu l-*billboards*. Il-*marketing *baqa', li nbidel il-metodoloġija li xorta huwa* marketing*.*
>
> *Reġa' xehed Stefan Bartolo fejn xehed li d-differenza hija li kien hemm bidla mill-*marketing *tradizzjonali għal* digital media marketing*. Qed isir* marketing *tradizzjonali ukoll bħala* advertising *fuq* billboards *u qed jintuża l-*marketing *tal-*facebook*. Kien ukoll ċertu Gerald Bartolo Frendo, li kien impjegat fil-*marketing *fetaħ kumpannija u beda jagħmel il-*marketing *tradizzjonali. Kien jagħmel l-istess xogħol. Kellu paga ta' tletin elf Euro fis-sena u dan kien gross. Ix-xogħol ta'* marketing *tradizzjonali baqa' għaddej.*

*Xehed Omar Bonello li huwa ċ-*Chief Financial Officer *tal-Air Malta fejn dan qal li kemm* invoices *tal-kumpannija u invoices ta' OB2 ukoll* [sic!].

*Xehed Joseph Galea fejn qal li kien* Chief Commercial Officer *mal-Air Malta u issa m'għadux. Spjega li kien hemm erba' dipartiment* [sic!] *li għalkemm sar CEO ma kien għabad hu* [sic!].*Wara ġew integrati s-sezzjonijiet il-*marketing *sar aktar aggressiv però naqas il-bidme* [sic!]. *L-air Malta bidel il-*Marketing [sic!].

*Xehed Joseph Galea in kontro-eżami fej* [sic!] *qal li kien antik il-*marketing *u nqaleb għall-*marketing *il-ġdid. Ir-rikorrenti ma kienx kapaċi jagħmlu għax* marketing *ġdid* [sic!]. *U ma ġiex offrut dan ix-xogħol. Qal ukoll illi xogħol ta'* marketing *ġdid ġie* outsourced.

*Xehed ir-rikorrent in kontro-eżami fejn qal li ma jafx x'ġara fil-*commercial departmnet [sic!] *għax ma kienx involut, kien* marketing manager *għal erba' snin. Spjega li d-*design *jiġi* outsourced. *Ix-xogħol naqas però ma kinux jinvolvuh fuq dak li kien hemm. Meta ġie mistoqsi li l-kumpannija Air Malta kienet qed tagħmel* downsizing *qal li l-*marketing *huwa l-aktar importanti dak iż-żmien.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

*Decide*

*It-Tribunal wara li sema' l-provi u sema' t-trattazzjoni jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiddikjara li t-tkeċċija kienet inġusta. Jillikwida d-danni fl-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000) u dan peress li t-Tribunal iħoss li r-rikorrenti seta' jkompli jagħmel ix-xogħol ta'* marketing manager*. Kumpannija bħall-AirMalta għandha bżonn li jkollha impjegat bħala* Marketing*. Huwa impossibbli li ma jkunx hemm* marketing manager*. L-Air Malta kienet żbaljata meta neħħiet ir-rwol ta'* marketing manager*. Għalkemm jidher illi l-*marketing *kien tbiddel, xorta jkun hemm bżonn ta' dan ir-rwol. Ġie ammenn* [sic!] *illi ma ngħatax ebda* training *fuq ir-rwol ġdid ta'* marketing *jiġifieri* social media *però jibqa' l-fatt li r-rikorrenti kien* marketing manager *u kellhom* [sic!] *responsabbilità li jsostnu dan ir-rwol. Tajjeb ġie osservat li meta l-kumpannija tkun għaddejja minn kriżi huwa l-*marketing *li huwa importanti.*

*Għalhekk it-Tribunal iddeċieda fuq dak li hemm* [sic!]*."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mis-soċjetà appellanta fil-21 ta' Lulju, 2023, hija talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni

fl-ismijiet premessi, u tilqa' l-aggravji tagħha, u anki l-kontestazzjoni tagħha għall-kumpens mogħti, filwaqt li tiddikjara li fil-każ in eżami ma kien hemm l-ebda tkeċċija inġusta, u sussidjarjament tirrevoka l-kumpens akkordat. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija infondata għaliex hija bbażata biss fuq opinjoni taċ-Chairperson u mhux fuq fatti li jirriżultaw mill-provi, inkluż il-fatt li s-soċjetà appellanta kienet għaddejja minn eżerċizzju maġġuri ta' ristrutturar impost mill-Kummissjoni Ewropea, u ttrasformat għal kollox il-mod kif kienu jiġu eżegwiti l-kompiti u r-responsabbiltajiet fid-Dipartiment Kummerċjali fejn kien jaħdem l-appellat Stefan Bartolo. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ odjern, it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb u korrett tal-provi u tax-xhieda prodotti minnha, billi t-Tribunal iġġustifika d-deċiżjoni tiegħu u qal li l-appellanta kien għad għandha bżonn l-irwol tal-appellat, iżda ma ngħatat l-ebda motivazzjoni li tikkorrabora din il-pożizzjoni. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex ibbażata fuq xi punt ta' liġi, iżda biss fuq opinjoni dwar jekk hija kienx għad għandha bżonn li xi ħadd jikkoordina x-xogħol tar-reklamar tas-servizzi tagħha.

6. Is-soċjetà appellanta kompliet tispjega li l-każ odjern jirrigwarda l-allegazzjoni tal-appellat li l-impjieg tiegħu ġie tterminat inġustament minn mas-soċjetà appellanta, fejn kien jaħdem bħala *Marketing Manager* fid-Dipartiment Kummerċjali. Qalet li dan ir-rwol ġie abolit, kif ġew aboliti rwoli oħra fl-istess żmien, u fuq perijodu itwal, f'kull dipartiment ieħor tal-kumpannija. Qalet li għalhekk ir-raġuni mogħtija ta' *redundancy,* kienet mhux biss hija waħda fattwali, iżda wkoll waħda li seħħet għal raġunijiet ta' ristrutturar. Qalet li kienu diversi x-xhieda li spjegaw li s-soċjetà appellanta kienet f'qagħda finanzjarja prekarja ħafna, u għalhekk kellha teżegwixxi eżerċizzju ta' ristrutturar in vista

tal-fatt li ċerti rwoli ma kinux meħtieġa aktar. Qalet li hija kienet kostretta ssib mezzi alternattivi kif tkun tista' tibqa' tiffunzjona, u fl-istess ħin tagħmel tajjeb għat-telf tagħha. L-appellanta qalet li d-disputa prinċipali fil-każ in eżami ma kinitx jekk hija kellhiex aktar bżonn tagħmel *marketing* jew le, iżda jekk il-kompetenzi tal-appellat setgħux jiġu assimiliati minn impjegati oħra, jew li jsiru b'forma kummerċjali oħra li tnaqqas l-ispejjeż fissi tas-soċjetà appellanta, u għalhekk f'dan il-kuntest l-għoti ta' sensja jkun wieħed ġustifikat. Is-soċjetà appellanta qalet li hemm ġurisprudenza li tgħid li s-sensja xorta waħda tkun ġustifikata anki fejn ir-rwol tal-appellat ikun ġie assorbit, fis-sens li l-kumpannija f'dan il-każ kienet sabet mezzi oħra ta' reklamar, introduċiet sistemi ġodda li ma kinux jirrikedu pożizzjoni ta' *manager,* u għalhekk ir-rwol tal-appellat bħala *marketing manager* ma kienx għadu meħtieġ għall-operat tagħha.

7. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn bażi legali, u tikser ukoll il-prinċipju taċ-ċertezza legali, għaliex it-Tribunal naqas milli jindika l-liġi applikabbli jew kwalunkwe riferiment għal xi dispożizzjoni partikolari li d-deċiżjoni hija bbażata fuqha. Qalet li t-Tribunal irrefera għal uħud mix-xhieda fis-smigħ tal-kawża, xi drabi b'referenzi inkorretti u ismijiet erratiċi, mingħajr ma daħal f'dettall dwar x'kienet ir-raġuni li wasslet sabiex it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat titqies bħala waħda *"illegali".* Qalet li it-Tribunal kellu jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni kinitx xierqa jew inġusta, raġonevoli jew irraġonevoli, u mill-assjem tal-provi kellu jikkonkludi li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet xierqa u raġonevoli. Qalet li sabiex wieħed jiddetermina jekk hija mxietx b'mod raġonevoli jew le, irid jiġi meqjus li kwalsiasi prinċipal li jsib ruħhu fis-sitwazzjoni tagħha kien ser isegwi proċeduri ta' ristrutturar u jimxi għat-terminazzjoni ta'

għadd ta' impjegati, kif ġara fil-każ odjern. Qalet li d-deċiżjoni appellata ma tidħolx fil-kwistjoni dwar x'ġie meqjus li huwa xieraq, u jekk hija kinitx ġustifikata tissensja lill-impjegat tagħha jew le, u meta l-azzjoni prinċipali kienet teżiġi deċiżjoni li tiddikjara li t-tkeċċija hija waħda 'inġusta', trid tinġieb prova ta' tali inġustizzja, xi ħaġa li f'dan il-każ ma saritx.

8. Fit-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li fil-każ in eżami kien hemm nuqqas ta' apprezzament xieraq u tajjeb tal-provi, u d-deċiżjoni appellata ma kinitx waħda motivata. Qalet li d-deċiżjoni kkontestata mhijiex sostnuta minn provi oġġettivi. Qalet li t-Tribunal ikkwota selettivament mix-xhieda li nstemgħu fil-kawża, filwaqt li injora kompletament il-kuntest u l-kontenut tax-xhieda li ċċita. Qalet li huwa evidenti li t-Tribunal diġà kellu opinjoni ffurmata dwar il-każ, meta qal li l-kumpannija kienet żbaljata meta neħħiet ir-rwol tal-appellat, anki jekk din l-allegazzjoni ġiet ikkontestata ripetutament tul il-proċeduri, u mill-provi kellu jirriżulta li fil-fatt ir-rwol tal-appellat ma kienx meħtieġ aktar. Kompliet tgħid li d-deċiżjoni għandha tkun sostanzjata fuq il-provvedimenti, il-kriterji u l-interpretazzjonijiet tal-liġi, iżda mhux fuq opinjonijiet dwar l-operat, li qatt m'għandhom jitqiesu f'dan ir-rigward. Qalet li t-Tribunal Industrijali huwa meqjus bħala 'tribunal amministrattiv', u għalhekk huwa obbligat jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-motivazzjoni trid mhux biss tirriżulta mid-*decide*, iżda trid tkun adegwata u f'sintonija mal-konsiderazzjonijiet li jkunu saru, u dan in linea ma' dak ippronunzjat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Qalet li meta rinfaċċjata bil-kwistjoni tax-xogħol odjerna, il-pożizzjoni tagħha kienet waħda ċara u konsistenti, u kien it-Tribunal li naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi u tax-xhieda miġjuba. Qalet li għalhekk il-motivazzjoni tat-Tribunal hija

bbażata biss fuq opinjoni personali dwar kif hija kellha tirreklama s-servizzi tagħha. Kompliet tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra wkoll li huwa naturali li maż-żmien hija bidlet il-mod kif tippromwovi s-servizzi tagħha, u kif bl-avvanz tat-teknoloġija hija żviluppat metodi moderni kif tirreklama s-servizzi tagħha aħjar, u li gradwalment wasslu għal tnaqqis tar-riżorsi meħtieġa fid-Dipartiment tal-Marketing. Qalet li fil-passat hija kienet diġà ssensjat diversi ħaddiema oħra ta' dan id-diparitment, u dan juri kemm il-proċess kien wieħed gradwali u konsistenti mar-ristrutturar komplet ta' dan id-dipartiment, li effettivament ma baqax dipartiment, u għalhekk lanqas ma baqa' hemm ħtieġa ta' *marketing manager* f'dipartiment li sar ineżistenti. L-appellanta qalet li l-qagħda finanzjarja tagħha kienet waħda ħażina ħafna, u għalhekk kienet kostretta tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex issalva l-operat tagħha, inkluż billi tagħmel eżerċizzju ta' *downsizing* u distinzjoni bejn dawk id-dipartimenti li kienu kruċjali għall-operat tagħha bħala kumpannija, u li għalhekk kellha tibqa' tinvesti fihom, u dawk li huma inqas kritiċi għall-operat tagħha, u setgħu jiġu assimilati. L-appellanta spjegat li għalhekk hija kellha idea ċara ta' liema pożizzjonijiet setgħu jiġu aboliti, bl-intiża li hija tibqa' sostenibbli għal aktar snin, kif fil-fatt ġara. L-appellanta temmet tgħid li kien minħabba l-eżerċizzju ta' ristrutturar li kienet qiegħda tagħmel, li l-pożizzjoni tal-appellat bħala *marketing manager* f'dipartiment ineżistenti ma baqgħetx aktar meħtieġa, u kien dan li eventwalment wassal għas-sensja tiegħu.

9. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jispjega kif wasal għall-kumpens ta' għoxrin elf Euro (€20,000) li ġie mogħti lill-appellat, u hija ma tistax tifhem kif ġiet iffissata din is-somma stante li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward mir-rikorrent, hawnhekk l-appellat. Qalet li hemm sentenzi tal-Qrati

tagħna li jgħidu li minkejja li t-Tribunal għandu diskrezzjoni meta jiġi biex jillikwida l-kumpens, tali deċiżjoni għandha tkun motivata f'kull aspett, u t-Tribunal għandu obbligu jispjega b'mod ċar u li jiftiehem kif u għalfejn illikwida s-somma li l-prinċipal qiegħed jiġi kkundannat iħallas. Is-soċjetà appellanta qalet li it-Tribunal ma ta ebda spjegazzjoni jew indikazzjoni dwar kif wasal għall-komputazzjoni ta' għoxrin elf Euro (€20,000) bħala kumpens, u filwaqt li m'hemmx dubju li t-Tribunal għandu diskrezzjoni kif jasal għall-ammont bħal dan, għandu jkun hemm bilanċ u għandhom jiġu kkunsidrati diversi fatturi qabel ma t-Tribunal jillikwida l-ammont ta' kumpens. Qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jispjega x'fatturi ġew ikkunsidrati minnu, bħal per eżempju jekk l-appellat sofriex xi telf ta' introjtu finanzjarju. Qalet li ladarba l-appellat naqas milli jindika ammont li, skont hu, għandu jitħallas, kien aktar kruċjali li t-Tribunal jispjega r-raġunijiet u l-kalkoli tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat naqas milli juri jekk huwa kellux jinterrompi il-karriera tiegħu, u qalet li dan kien sab impjieg ieħor fl-istess qasam. Qalet li jekk din il-Qorti xorta waħda tqis li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat ma kinitx waħda xieraqa, din għandha tikkunsidra li tnaqqas il-kumpens mogħti għal wieħed aktar ekwu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. Fir-risposta tiegħu l-appellat qal li huwa kien ilu impjegat mas-soċjetà appellanta mis-sena 1994, u beda jokkupa l-kariga ta' *marketing manager* fis-sena 2013. Qal li fit-22 ta' April, 2015 huwa ġie infurmat li r-rwol tiegħu mas-soċjetà appellata ma kienx ser jibqa' jeżisti, u għalhekk l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat abbażi ta' *redundancy.* Qal li tul iż-żmien tiegħu fl-impjieg mal-Air Malta plc, huwa kellu diversi rwoli f'diversi dipartimenti, fosthom fl-*HR*

*department, fil-commercial division,* u eventwalment laħaq *marketing manager* fl-2012. Qal li meta s-superjur tiegħu rriżenja, din il-kariga ma ġietx mimlija, u huwa beda jagħmel ix-xogħol ta' *head of marketing* b'aktar responsabbiltajiet. Qal li fuq talba tiegħu stess, huwa ngħata l-għajnuna fid-dipartiment tiegħu permezz ta' rwol ġdid – dak ta' *brand executive.* Qal li l-problemi għalih bdew jinqalgħu meta laħqet *chief operations officer* ġdida, u huwa beda jitħalla barra mil-laqgħat u d-deċiżjonijiet, filwaqt li żdied l-involviment tal-*brand executive* li kien jirrapporta lilu. Qal li eventwalment l-impjieg tiegħu ġie tterminat waqt laqgħa, fejn l-unika spjega li ngħatatlu kienet li r-rwol tiegħu ma kienx hemm bżonnu fl-istruttura l-ġdida, u dan wara s-snin twal ta' servizz li ta lill-kumpannija f'diversi rwoli. Qal li wara li qies ix-xhieda kollha li nġabet quddiemu, u l-fatti tal-każ, it-Tribunal ikkonkluda li x-xogħol tal-appellat kien għadu jeżisti, in vista tal-fatt li kumpannija bħal ma hija l-Air Malta għandha bżonn *marketing function,* u filwaqt li kien hemm xi tibdil fir-rwol, ir-rwol kien għadu jeżisti. Qal li dan fisser li t-terminazzjoni ma seħħitx abbażi ta' *redundancy,* iżda kienet biss riżultat ta' tkeċċija inġusta.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li mhuwiex ikkontestat li l-każ odjern jikkonċerna tkeċċija mill-impjieg, u jekk dan seħħx abbażi ta' *redundancy* ġenwina jew inkella jekk it-terminazzjoni kienitx waħda inġusta. Qal li l-liġi hija kemmxejn xotta dwar *redundancies,* u tipprovdi biss għal *notice* u għar-regola ta' *last in first out.* Qal ukoll li s-soċjetà appellanta qiegħda terġa' tipprova tiftaħ l-evalwazzjoni li għamel it-Tribunal fir-rigward tal-apprezzament tal-provi. L-appellat qal li d-determinazzjoni dwar jekk terminazzjoni kienitx ġusta jew le, tiddependi fuq il-fatti tal-każ. Fil-każ in eżami t-Tribunal qies li l-appellat seta' jkompli jagħmel xogħol ta' *marketing manager*

minkejja li seta' kien hemm bidla fix-xogħol. L-appellat qal li t-Tribunal irrileva wkoll li huwa ma ngħatax taħriġ fuq mezzi ġodda bħal ma hija s-*social media,* biex huwa jkun jista' jagħmel ix-xogħol tiegħu. L-appellat qal li mix-xhieda prodotti, jirriżulta wkoll li d-dmirijiet tiegħu kien għad hemm bżonnhom, tant hu hekk li dawn inqasmu bejn ħaddiema eżistenti, u beda jsir ukoll xi *outsourcing.* Qal li ma kienx biżżejjed għas-soċjetà appellanta li targumenta li r-rwol tiegħu bħala *head of marketing* jew *marketing manager* ma kienx għadu jeżisti għaliex ġie abolit, u lanqas ma kien biżżejjed li t-Tribunal iħares lejn il-*list of duties* skont il-kuntratt. Spjega li dak li kellu jikkunsidra t-Tribunal, kif fil-fatt għamel, kien jekk kienx hemm tnaqqis fil-*business requirements* għax-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-appellat, u t-Tribunal qies li abbażi tal-provi miġjuba quddiemu, ma kienx hemm dan it-tnaqqis, u ma nġabet l-ebda prova li dan it-tnaqqis fil-fatt seħħ. Qal ukoll li huwa kien ilu impjegat mas-soċjetà appellanta mill-1994, u okkupa diversi rwoli, iżda s-soċjetà appellanta dehrilha li ma kellhiex tagħmel evalwazzjoni serja ta' xi rwol alternattiv seta' jingħata lill-appellat jekk verament ir-rwol li kellu ma kienx għad hemm bżonnu. L-appellat qal li it-Tribunal qies li kumpannija bħala linja tal-ajru, ċertament li kellha bżonn il-funzjoni ta' *marketing manager,* u ma kienx verosimili l-argument tagħha li r-rwol tal-appellat ma kienx għad hemm aktar bżonnu.

12. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat qal li d-dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal, huwa limitat biss għal punti ta' liġi skont dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal illi aggravju bbażat fuq il-mod kif it-Tribunal apprezza l-fatti miġjuba quddiemu, u kif wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, mhuwiex appell fuq punt ta' liġi, u għalhekk abbażi ta' dan biss, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud. Kompla jgħid li

jekk is-soċjetà appellanta kienet libera li tressaq appell mhux biss fuq punt ta’ liġi, dak li qed jintalab huwa li din il-Qorti terġa’ tidħol fil-provi, u dan meta l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti m’għandux jiġi ddisturbat minn din il-Qorti ta’ reviżjoni. Qal li l-apprezzament tal-provi f’dan l-istadju għandu jkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u mhuwiex minnu li t-Tribunal naqas li jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. L-appellat qal li t-Tribunal għamel sinteżi tax-xhieda, iddikjara li x-xogħol li kien jagħmel l-appellat għadu jeżisti, u kumpannija bħal ma hija l-Air Malta għandha bżonn il-funzjoni tal-*marketing.* L-appellat qal li t-Tribunal fil-każ odjern osserva wkoll li minkejja l-bidliet fix-xogħol, id-dmirijiet tal-appellat xorta waħda kien għad hemm bżonnhom, u irrileva wkoll li meta kumpannija tkun għaddejja minn kriżi, ir-rwol tal-*marketing* xorta waħda jkun għad hemm il-ħtieġa tiegħu.

13. L-appellat qal li l-appellanta għamlet wisq enfasi fuq il-fatt li ladarba d-dipartiment ċkien sostanzjalment, ma kienx għad hemm bżonn tar-rwol ta’ *manager* fid-dipartiment tal-*marketing.* Qal li fl-ebda punt ma ssemma li ma kienx għad hemm bżonn li jsir *marketing,* iżda ssemma biss li hemm bżonn tibdil fil-mod kif isir il-*marketing.* Qal li ma kien hemm ebda tentattiv min-naħa tas-soċjetà appellanta sabiex issir diskussjoni dwar jekk l-appellat kienx kapaċi jkompli b’ħidmietu bil-kambjamenti msemmija fid-dipartiment, jew biex tara jekk kienx hemm il-ħtieġa li dan jingħata taħriġ sabiex ikun jista’ jkompli fix-xogħol tiegħu. Qal li kien aktar faċli għas-soċjetà appellanta li tifrex ix-xogħol rimanenti ma’ impjegati oħra u tagħmel *outsourcing,* kif sar lis-soċjetà 88 Advertising Agency, li kienet entità ta’ ex-impjegat tas-soċjetà appellanta stess, li kien impjegat magħha bħala *brand executive,* li imbagħad irriżenja biex ikun jista’ jagħmel xogħol għal rasu. L-appellat qal li żgur li ma jistax jingħad li ma

kienx hemm xogħol għalih, iżda kien aktar faċli għas-soċjetà appellanta li tuża l-iskuża tar-*redundancy* u taqbad mat-titolu tiegħu, minflok tagħmel eżerċizzju serju u ġenwin tar-rwol li huwa seta' jkompli jwettaq fil-*marketing,* u jekk kienx hemm il-ħtieġa li jingħata taħriġ.

14. B'riferiment għat-tielet aggravju tass-soċjetà appellanta, l-appellat qal li *ai termini* tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, meta Tribunal isib li kien hemm tkeċċija inġusta, u ma jkunx hemm talba biex l-individwu jerġa' jidħol fl-impjieg, it-Tribunal għandu d-diskrezzjoni sabiex jagħti kumpens li għandu jitħallas lill-impjegat imkeċċi, filwaqt li jqis id-danni reali u t-telf li jkun sofra dak l-impjegat, inkluż l-età u s-snajja' tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tiegħu li jsib impjieg alternattiv. L-appellat qal li huwa għalhekk li t-Tribunal igawdi diskrezzjoni sabiex jordna ħlas ta' kumpens skont linji gwida. L-appellat għamel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, fejn ġie stabbilit li l-liġi tagħna ma timponi l-ebda limitu ta' kumpens, u fejn ingħad diversi drabi li l-iffissar tal-kumpens huwa mħolli interament fid-diskrezzjoni tat-Tribunal. L-appellat temm jgħid li ma jistax jingħad li l-kumpens mogħti lilu mit-Tribunal huwa esaġerat, tenut kont tas-snin kollha li kien ilu impjegat mas-soċjetà appellanta, is-*senior role* li huwa kellu fil-kumpanniija, il-fatt li huwa ma pparteċipax b'mod volontarju fl-iskema ta' irtirar kmieni biex ikompli jaħdem mas-soċjetà appellanta, u l-mod kif huwa ġie ttrattat meta ġie infurmat li kien qiegħed jitkeċċa mill-impjieg, fejn lanqas tħalla jaħdem in-*notice,* iżda kellu jitlaq dakinhar stess.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fl-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-appellat. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha d-deċiżjoni appellata hija bbażata fuq l-opinjoni personali taċ-*Chairperson* tat-Tribunal*,* u mhux fuq fatti li rriżultaw mill-provi. Qalet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li hija kienet wettqet eżerċizzju ta' ristrutturar li ġie impost fuqha mill-Kummissjoni Ewropea anki minħabba l-qagħda finanzjarja prekarja li kienet fiha. Is-soċjetà appellanta tgħid li d-deċiżjoni appellata hija nieqsa minn bażi legali, u t-Tribunal ma speċifikax liema hija l-liġi applikabbli jew liema hija d-dispożizzjoni tal-liġi li qiegħed jibbaża ruħhu fuqha. Qalet li dak li kellu jagħmel it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tagħha li tittermina l-impjieg tal-appellat kienitx ġusta jew le, u qalet li kellu jiġi applikat it-test tar-raġonevolezza għaliex kull prinċipal li jsib ruħu fis-sitwazzjoni tagħha, aktarx li kien jieħu l-istess deċiżjonijiet li ħadet hi.

### *L-Ewwel Aggravju*

16. Il-Qorti tibda billi tirrileva li d-deċiżjoni appellata fiha għadd ta' nuqqasijiet, u hija nieqsa mid-dettall li normalment jingħata fid-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna. Madanakollu ma jistax jingħad li d-deċiżjoni appellata hija bbażata biss fuq l-opinjoni taċ-*Chairperson* tat-Tribunal, u li l-konklużjonijiet tat-Tribunal mhumiex sorretti mill-provi prodotti quddiemu. It-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu kienet inġusta għaliex huwa kienx

ingħata taħriġ ulterjuri sabiex ikun kapaċi jaħdem f'ambjent diġitalizzat lil hinn mir-reklamar tradizzjonali li l-appellat kien imdorri jaħdem bih, u wara li qies ukoll li l-*marketing* huwa funzjoni kruċjali għal kumpannija tal-ajru. It-Tribunal ikkonsidra wkoll li fi żmien ta' kriżi, il-*marketing* huwa waħda mill-għodod l-aktar importanti li għandha l-kumpannija biex tilqa' għad-diffikultajiet li tkun għaddejja minnhom. It-Tribunal għamel sunt tax-xhieda, u sema' xhieda jgħidu kif persuna li kienet twieġeb għall-appellat fl-uffiċċju tal-linja tal-ajru, fetħet kumpannija tal-*marketing,* u x-xogħol tal-*marketing* li kien isir mid-dipartiment fejn l-appellat kien *manager,* beda jiġi *outsourced* lil din il-kumpannija.

17. Il-Qorti tirrileva li l-appellat ġie liċenzjat mis-soċjetà appellanta wara li ġie mgħarraf li r-rwol li kellu fil-kumpannija ma kienx meħtieġ aktar. Is-soċjetà appellanta ppruvat tiġġustifika din id-deċiżjoni tagħha billi qalet li kellha pressjonijiet esterni biex tirregolarizza l-qagħda finanzjarja tagħha, u dak iż-żmien bdiet telimina ċertu nfiq li ma kienx daqstant kruċjali għall-operat tagħha, fosthom id-Dipartiment tal-*marketing*. Mill-provi jirriżulta li xi forma ta' *marketing* xorta waħda baqa' jsir mis-soċjetà appellanta. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellat ma ngħata l-ebda taħriġ sabiex ikun kapaċi jadatta għall-esiġenzi l-ġodda fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Mill-atti jirriżulta li l-appellat ħadem f'diversi rwoli mas-soċjetà appellanta, imma minkejja dan, huwa ma ġie offrut l-ebda rwol alternattiv meta sar ir-ristrutturar, u l-kumpannija naqqset parti mill-operat tagħha. Dan ifisser biss li l-għan tas-soċjetà appellanta kien li telimina ħaddiem minn fuq il-kotba tagħha fi żmien meta kif ġie ammess hija kienet qiegħda tiffaċċja ċerti sfidi, u l-appellat ma pparteċipax fl-iskemi volontarji ta' irtirar kmieni li ġew offruti, filwaqt li ma jirriżultax li saret xi evalwazzjoni jew xi eżerċizzju serju sabiex jiġi stabbilit jekk l-appellat setax jiġi

mogħti rwol alternattiv fil-kumpannija. Mill-atti jirriżulta li l-appellat lanqas biss tħalla jaħdem in-*notice*, iżda ntalab jattendi għal laqgħa fejn ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat, filwaqt li wara ftit minuti kien eskortat biex jagħlaq xi affarijiet fuq il-kompjuter u wara ntbagħat id-dar. Il-Qorti tgħid li dan normalment iseħħ meta jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' impjegat, u mhux meta impjegat jiġi llicenzjat għaliex ir-rwol tiegħu jkun ġie abolit. Kumpannija li tkun qiegħda tagħmel eżerċizzju ta' ristrutturar u li jkollha għadd ta' sensji ppjanati, normalment ma taġixxix b'dan il-mod xejn raġonevoli meta ttieħdet id-deċiżjoni li l-impjieg tal-appellat għandu jiġi tterminat. Huwa għalhekk li fl-aħħar mill-aħħar din il-Qorti ma ssibx li dan l-aggravju tas-soċjetà appellata huwa ġustifikat, u tiċħdu.

*<u>It-Tieni Aggravju</u>*

18. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb u xieraq tal-provi miġjuba quddiemu, filwaqt li qalet li d-deċiżjoni appellata mhijiex motivata. Is-soċjetà appellanta allegat ukoll li t-Tribunal kien selettiv fix-xhieda li għażel li jikkwota, u qalett li ċ-Chairperson tat-Tribunal kellu opinjoni ffurmata minn qabel sema' l-provi kollha. Qalet ukoll li t-Tribunal qatt ma messu ta opinjonijiet dwar l-operat tagħha, u minflok deċiżjoni fuq dak li rriżulta mill-provi, it-Tribunal esprima opinjonijiet personali dwar il-mod kif hija kellha tagħmel il-*marketing* tagħha. Qalet li quddiem sitwazzjoni fejn id-dipartiment li kien imexxi l-appellat sar ineżistenti, kellu jirriżulta lit-Tribunal li ma kinitx għadha aktar meħtieġa il-kariga ta' *marketing manager.*

19. Il-Qorti tibda billi tosserva li kull darba li jitqajjem aggravju fejn parti tallega li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament xieraq u korrett tal-provi prodotti, din il-Qorti ta' reviżjoni tiġi mitluba tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti. Il-Qorti tirrileva li appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi, u fit-tieni aggravju tagħha s-soċjetà appellanta m'hija ssemmi l-ebda punt ta' liġi li abbażi tiegħu qiegħda titlob lil din il-Qorti tikkonsidra d-deċiżjoni appellata mill-ġdid. F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal diversi sentenzi dwar dan il-punt mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Mifsud *vs.* Kummissarju għall-Kontroll tal-Iżvilupp**[1], ingħad illi:

> *"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt deċiżi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun neċessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun ġiet diskussa u eluċidata fil-motivazzjoni u li tkun ġiet definita fid-deċiżjoni appellata."*

20. Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg *vs* Awtorità tal-Ippjanar**[2], il-Qorti qalet li:

> *"F'sistema ġudizzjarju fejn mhux permess rikors għat-tielet Qorti ta' appell, hu għalhekk li hu biss konsentit bil-liġi appell lil din il-Qorti f'każijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-Bord espressa fid-deċiżjoni minnu emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' reviżjoni fuq il-fatti in kawża, din il-Qorti għandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jiġu osservati r-regoli tal-ġustizzja naturali u l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u tal-prinċipji fiha enunċjati."*

[1] 31.05.1996.
[2] 24.04.1996

21. Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Mugliett *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**[3], ġie spjegat illi:

> *"Skont il-liġi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord biss u unikament in kwantu jkun fiha punti ta' dritt li ġew konsidrati u deċiżi fl-istess deċiżjoni. Il-liġi ma tagħtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt deċiżi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' liġi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx ġiet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun qamet bħala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord irid ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruħhu fuqha fis-sentenza tiegħu."*

22. Fil-każ in eżami, minkejja li l-parti konklussiva tad-deċiżjoni appellata tikkonsisti biss f'paragrafu wieħed, ma jistax jingħad li l-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal hija bbażata fuq apprezzament żbaljat tal-provi prodotti. Dan għaliex it-Tribunal ikkunsidra li mhux minnu li s-soċjetà appellanta mhijiex tagħmel aktar xogħol ta' *marketing,* imma kien hemm tibdil fil-mod kif isir il-*marketing* tas-servizzi tagħha, anki in vista tal-avvanzi teknoloġiċi u x-xejriet fis-suq, u quddiem dan kollu l-appellat baqa' ma ngħata l-ebda taħriġ u lanqas ma ġie offrut rwol ieħor fl-istess kumpannija. Kien korrett ukoll it-Tribunal fl-osservazzjoni li għamel li fi żmien ta' kriżi, kumpannija għandha tinvesti aktar fil-*marketing* tal-prodott tagħha. Dawn mhumiex opinjonijiet personali ta' xi ħadd, iżda huma konklużjonijiet li silet it-Tribunal wara li sema' x-xhieda miġjuba mill-partijiet, u wara li sema' kif ix-xogħol tal-*marketing* beda jiġi *outsourced* lil kumpannija li twaqqfet minn eks-impjegat tas-soċjetà appellanta, li kien fil-fatt iwieġeb lill-appellat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal huma bbażati fuq id-depożizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu quddiemu, u għalhekk ċertament li mhijiex f'lokha l-asserzjoni tas-

[3] 31.05.1996.

soċjetà appellanta li t-Tribunal esprima biss opinjoni li kellu minn qabel dwar il-każ, għaliex dan ma jirriżultax li huwa minnu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dan l-aggravu mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju*

23. Fit-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal naqas milli jispjega kif wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000), u qalet li minkejja li l-kwistjoni tal-kwantum tal-kumpens fejn jinstab li kien hemm tkeċċija inġusta mill-impjieg hija fdata fid-diskrezzjoni tat-Tribunal, it-Tribunal kellu l-obbligu li jispjega kif u għalfejn illikwida dan l-ammont.

24. Il-Qorti diġà rrimarkat dwar in-nuqqas ta' dettall f'din is-sentenza. Huwa minnu li t-Tribunal għandu jeżerċita element ta' diskrezzjoni meta jiġi biex jiffissa l-kwantum tal-kumpens li għandu jiġi likwidat, iżda l-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens għandha tkun immotivata u għandu jiġi spjegat għal liema raġuni u abbażi ta' liema provi t-Tribunal qiegħed jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda. Fil-każ in eżami t-Tribunal ma semmiex x'fatturi kkunsidra biex iffissa l-ammont ta' kumpens, jekk kienx hemm żmien li matulu l-appellat kien mingħajr impjieg li għalih kellu jiġi kkumpensat, u lanqas ma jirriżulta li ttieħed konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellat tkeċċa mill-impjieg b'mod immedjat, u mingħajr ma ngħata ċans jaħdem in-*notice*. Il-Qorti tqis li din il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal kellha tkun immotivata fid-dettall, u għal din ir-raġuni l-Qorti sejra tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal, sabiex *ai termini* tal-artikolu 83(1) tal-Kap. 452 tal-

Liġijiet ta' Malta dan jagħraf jimmotiva l-mod kif wasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens li s-soċjetà appellanta għandha tħallas lill-appellat.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħad l-ewwel żewġ aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, filwaqt li tilqa' t-tielet aggravju tagħha u tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan *ai termini* tal-artikolu 83(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħraf jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu kif titlob il-liġi.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**